# Il-Knisja ta' San Ġorġ f'Assisi

minn P. Ġorġ Aquilina O.F.M.

*San Franġisk t'Assisi m'għandux bżonn ta' ntroduzzjoni, kulħadd jaf min kien. Mhux kulħadd iżda hu midħla ta' ċerti ġrajjiet partikulari tal-ħajja tiegħu. Mhux kull min qara l-ħajja ta' San Franġisk jiftakar fi ġrajjiet li seħħew f'naqra ta' knisja barrà mis-swar t'Assisi, ddedikata lil San Ġorġ Martri.*

*F'din il-knisja seħħew ġrajjiet importanti fil-ħajja tal-Qaddis t'Assisi. Hawn tgħallem il-ftit skola li kien jaf. Hawn beda jippriedka għal ewwel darba. Hawn ġie midfun qabel ma ttieħed fil-Bażilika li nbniet għal ismu. Hawn, f'din il-knisja ta' San Ġorġ ġie kkanonizzat. Hawn ukoll saret id-difna ta' Santa Klara, sakemm saritilha l-Bażilika.*

*Il-ġrajja ta' din il-knisja ta' San Ġorġ minn dejjem ħabbtet moħħ l-istudjużi, u dan minħabba l-importanza tagħha fil-ġrajja ta' San Franġisk u Santa Klara. Aħna ma sibna xejn ġdid xi nżidu ma dak li kitbu fuqu dawn l-istudjużi, iżda naħseb li jkun utli li wieħed isir jaf aktar fuqha. L-istudji li saru s'issa inġabru f'artiklu li għadu kemm stampa P. Marino Bigaroni O.F.M.:* ***La Chiesa di S. Giorgio in Assisi,*** *fi* ***Archivum Franciscanum Historicum,*** *83(1990)3-49, u li minnu ser nisiltu fil-qosor dan it-tagħrif.*



*Knisja ta' San Gorg, Assisi*

## L-ewwel kittieba

L-ewwel kittieb tal-ħajja ta' San Franġisk, Fra **Tommaso minn Celano,** b'ċertu stagħġib igħidilna li "beda jippriedka l-ewwel, fejn ta' tifel tgħallem jaqra, u fl-istess post fejn saret l-ewwel difna tiegħu....". It-titlu tal-knisja li ma jissemmiex f'din l-ewwel referenza (**Vita Prima X.23**), jissemma' mill-istess Celano fil-**Legenda ad usum Chori.** Terġa', kittieb ieħor fl-istess żmien, **Giordano da Giano** fil-**Chronica,** b'mod l-iżjed ċar igħid:"... il-qaddis ried li jindifen fil-knisja tal-Porziuncola, iżda billi din tinsab 'l bogħod mis-swar, il-poplu u l-kbarat t'Assisi, minħabba l-fama tiegħu u l-mirakli li Alla wettaq permezz tiegħu f'ħajtu u wara mewtu, beżgħu li jiġu jisirquh il-Peruġini, għalhekk difnuh b'mod xieraq qrib is-swar t'Assisi, fil-Knisja ta' San Ġorġ". Ic-Celano mill-ġdid fil-**Legenda Sanctae Clarae,** jgħidilna li Klara ġiet midfuna ukoll fil-knisja ta' San Ġorġ, fejn qabel kien indifen Franġisku.

## Meta nbniet il-Knisja ta' S. Ġorġ

Mid-dokumenti li waslu s'għandna nafu li f'nofs is-seklu ħdax kienet teżisti. Kien hemm min qal li kienet f'idejn il-Kattidral ta' S. Rufino, iżda mill-

għamla tagħha, bi presbiterju għoli bi kripta taħtu, aktar juri li kienet tal-Benedittini, u nbniet minnhom. AKtar tard bdiet b'xi mod tiddependi mill-Kattidral sakemm fid-diviżjoni li saret bejn il-Kapitlu u l-Monasteru ta' San Benedittu, l-knisa ta' San Ġorġ fl-1215 għaddiet definittivament f'idejn il-Kattidral, li qrib tagħha kellu wkoll sptar. Kemm kienet l-ewwel tal-benedittini, jurih ukoll il-fatt li mhux soltu li l-isqof ikollu knisja f'post x'aktarx bla nies. Mhux hekk iżda l-benedittini. Dawn kienu jfittxu postijiet imwarrbin, u l-isptarijiet waqqfuhom barra mis-swar, biex fihom jilqgħu lill-pellegrini, l-aktar bil-lejl, meta l-bibien tal-belt kienu jingħalqu minħabba l-biża' ta' xi attakk jew minn mard li jittieħed.

Nafu wkoll li l-knisja ta' San Ġorġ inbniet ħafna qabel l-isptar li kien hemm ma ġenbha u li minnha wkoll ħa ismu. Aktar tard dan kellu jitwaqqa biex floku inbniet il-Bażilka ta' Santa Klara. Il-knisja iżda ma ġietx mimsusa minn dan il-bini ġdid li sar fl-1257.

Lanqas ma naqsu studjużi li mmaġinaw li din il-Knisja antika ta' San Ġorġ Martri, kienet ġiet magħquda mall-Bażilka ta' Santa Klara. Iżda kif jista' jkun li knisja ġdida u kbira tkun kondizzjonata minn oħra żgħira. Il-Knisja ta' San Ġorġ bil-pjazza ta' quddiemha jinsabu, jgħid dokument tas-seklu erbatax, "fejn illum hemm il-Monasteru ta' Santa Klara".... mela mhux fejn hemm il-Bażilka. Terġa', meta saret il-konsagrazzjoni tal-Bażilka (1265) ġie ikkonsagrat artal tà kappella ddedikata lil San Ġorġ. Mela, li kieku l-knisja antika tal-Qaddis tagħna saret ħaġa waħda mall-Bażilka xi ħtieġa kien ikun hemm li tagħmel artal ieħor iddedikat lil istess qaddis?

Sa l-1263 il-Knisja ta' San Ġorġ kienet għadha teżisti, fil-kjostru jew f'dik il-parti privata tal-monasteru, riservata għas-sorijiet biss. Ħafna pellegrini kienu jitolbu lis-sorijiet ħalli jżuru dan il-post li fih twettqu tant mirakli. Għalhekk biex titħares aħjar il-klawsura, is-sorijiet talbu lil Papa Urbanu IV biex din il-knisja u l-użu tagħha ta' kappella privata tiġi trasferita f'post ieħor aktar li tintlaħaq u bla ma tinkiser il-klawsura. Il-permess ingħata u hekk inbniet kappella oħra wara li l-Bażilka kienet ilha lesta tlett snin.

## Il-Knisja ta' San Ġorġ kienet Parroċċa?

Hemm studjużi li qalu ċar u tond: San Ġorġ kienet il-Parroċċa ta' San Franġisk, u jtennu li din kienet ir-raġuni li għaliha San Franġisk ġie midfun fiha. U l-istess kienet Santa Klara. Iżda dan id-dfin ma jurix din id-dipendenza. San Franġisk u Santa Klara, it-tnejn kienu reliġjużi, u bħala tali, ma jaqgħux taħt l-istess liġijiet li jorbtu lis-sekulari. Anzi, kif għedna, Giodano da Giano, li għex fl-istess żmien, igħidilna li San Franġisk ried jindifen il-Porziuncola, l-aktar knisja li ħabb. In-nies ta' Assisi iddeċidew xort'oħra, u difnuh f'San Ġorġ. Santa Kjara, imbagħad, kienet żgur mill-parroċċa ta' San Rufino, li difnuha wkoll f'San Ġorġ għal ftit taż-żmien, sakemm tlestiet il-Bażilka tagħha.

San Ġorġ ma setgħetx tkun parroċċa, kif niħmuha aħna llum, billi kienet qrib sew tal-Kattidral. Bħal knejjes oħra iżda, kienet taqdi fil-ħtiġijiet ta' San Rufino. Fi żmien San Franġisk f'Assisi kien hemm parroċċa waħda biss: San Rufino, fejn kien hemm il-fonti tal-Magħmudija, li qabel kien f'Santa Maria Maggiore, u lanqas ma nafu preċiż jekk dan il-fonti kienx diġa ġie trasferit f'San Rufino, meta twieled u tgħammed San Franġisk.

San Ġorġ kienet knisja li jieħu ħsiebha qassis li fi ħsiebu kellu l-isptar li kien qrib tagħha. Kienet knisja benefiċjali, li bir-renta tagħha kienet tmantni lil dan is-saċerdot li jwettaq ħidmietu f'dipendenza mill-kanonċi ta' San Rufino. U propju għax ma kienitx parrokkjali setgħet tilqa' fiha l-ġisem mejjet ta' San Franġisk u ta' Santa Klara.

## X'fadal mill-Knisja l-antika.

Għedna li bil-permess tal-Papa Urbanu IV, fl-1263 inbniet kappella li ġiet magħquda mall-Bażilka ta' Santa Klara, biex isservi ta' kor għas-sorijiet u billi ddedikata wkoll lil San Ġorġ Martri setgħet tintuża mid-devoti u mill-pellegrini, bla ma dawn jidħlu fil-klawsura tal-Monasteru. Illum din il-kappella ta' San Ġorġ hija l-kappella tas-Sagrament u fejn jinsab il-famuż Kurċifiss ta' San Damiano, dak li kellem lil San Franġisk u wrieh ix-xorta ta' ħajja li kellu jgħix.

Għalhekk ta' min jistaqsi. X'sar mill-knisja l-antika ta' San Ġorġ? Illum din, għal anqas parti minnha għadha teżisti. Nafu li fl-1610 l-isqòf Crescenzi t'Assisi indaħal biex jirrestawra dak li kien fadal minnha. Saru tiswijiet strutturali, iżda xorta għadhom jidhru dawk is-sinjali u t-tifsil arkitettoniku li minnhom jitkellmu d-dokumenti qodma. Għalkemm illum diffiċli li tgħid jekk dak li fadal hux biċċa mill-kripta, jew xi kappella laterali mill-istess knisja antika. Żgur iżda li dawn huma l-fdalijiet mill-knisja ta' San Ġorġ li hija hekk importanti fil-ġrajja ta' San Franġisk.

**F'San Ġorġ kienet issir ukoll l-iskola?**

Fra Tommaso minn Celani jikteb li ".... hawn ta' tfajjel ċkejken Franġisku beda jitgħallem l-iskola..... fl-istess post li tgħallem beda jgħallem; minfejn beda, mill-istess post issokta b'suċċess..... mill-knisja ta' San Ġorġ". Dwar dan m'għandniex dubbju. L-ewlenin dokumenti jistqarru dan il-fatt.

Mela Franġisku ta' Pietro di Berdardone u Madonna Pica, ta' tifel kien jattendi l-iskola ta' San Ġorġ. Xejn partikulari dwar dan. Nafu li mill-knejjes kien jingħata l-ewwel tagħlim lit-tfal. L-isqfijiet riedu li l-knejjes ikunu l-postijiet minfejn tingħata l-ewwel edukazzjoni skolastika lil dawk li rieduha.Kien għadu 'l bogħod it-tagħlim kif nifhmuh aħna llum. Iżda żgur li dak li ried il-Konċilju tal-Lateran III fl-1179, bil-mod il-mod sewa ta' bidu tajjeb, ħalli t-tfal bikri jitgħallmu jaqraw u jiktbu. Dan kien iż-żmien meta l-iskejjel tal-kattidrali u tal-parroċċi tferrxu sew. Il-qassis benefiċjarju ta' knisja, kien iss żdiedlu l-obligu li jgħallem lit-tfal jaqraw il-Bibbja u xi ħaġa żgħira tal-grammatika, biżżejjed kemm wieħed jinqeda. Studji aktar organizzati kien hemm ukoll u kienu jwasslu għas-saċerdozju jew għal ħidma oħra fil- "kurja ċivili" jew dik "ekklesjastika". Skola mela għas-servizz tal-Knisja u ta' l-Istat. Ma dawn inżidu l-istudji universitarji li f'dan iż-żmien kienu ukoll fl-aqwa tagħhom, fejn kienu jeżistu.

L-iskola tal-Knisja ta' San Ġorġ kienet waħda sempliċi, familjari, f'isem il-parroċċa, u mmexxija mill-qassis li fi ħsiebu kellu l-istess knisja u l-isptar ta' ħdejha. L-iskola lanqas ma kellha l-klassijiet kif nifhmu llum aħna. Il-qassis kien ilaqqa' lit-tfal fejn kien isib l-aħjar, fil-knisja stess jew f'xi kamra ta' ħdejha... jekk mhux ukoll fil-pjazza żgħira li kien hemm quddiemha.

F' Assisi stess kien hemm għalliema li kienu jagħtu lezzjonijiet lit-tfal li fi djarhom, l-aktar lil dawk tan-nobbli. Nafu li Frate Elia Bombarone, wieħed mill-ewlenin sħab ta' San Franġisk, li kien bniedem kolt.... kien jagħmel is-saqqijiet u kien igħallem lit-tfal tal-belt ta' Assisi kif għandhom jaqraw is-Salmi".

Dak li San Franġisk tgħallem fil-Knisja ta' San Ġorġ servih mhux ftit. Minkejja li hu nnifsu stqarr li kien bniedem ta' bla skola, kien jaf biżżejjed biex jikteb u jaqra l-kelma ta' Alla li fuq kollox kien iżommha f'qalbu u f'moħħu, biex hekk xandarha bil-kelma u bl-eżempju.

Fil-ħajja ta' San Franġisk il-Knisja ta' San Ġorġ t'Assisi għandha l-importanza tagħha xejn anqas mill-katidral ta' San Rufino.

## INNO A SAN GIORGIO MARTIRE

Al glorioso Martire
Di Cappadocia, al Santo
Dé cavaliere fervido
Dai cuor s'innalzi il canto
Siccome in noi lo suscita
L'ardenza della Fé!"
"Salve", dicendo," o Milite
Fedel di Cristo Re!"
Fermo in arcioni e intrepido,
In orrida tenzone
Ei fulmino' l'orribile
Divorator dragone:
Di Diocleziano gl'idoli
Senza tremar sprezzo:
Parlo' di Cristo all'anime
Pagane e trionfo'.

Giorgio Santo, cavaliere,
Prode e invitto di Gesù,....
Odi, ascolta le preghiere
Di chi spera in Te quaggiù.
Se dal drago un di la pia
Tu salvasti e dall'error
Salva noi dall'eresia
Salva, o Giorgio nosto Amor.

Fa sul nostro irto cammino
Rifiorir le tue virtù:
Desta in noi lo zel divino
Onde in terra ardesti Tu!

Salve, oh salve!.....La grande vittoria
Noi sugl' empi speriamo per Te,
Perchè qui non diventi una gloria
Lagrimata di Roma la Fè.

Quella Fede in cui Tu già trovasti
Prodigiosa fortezza e valor,
Quella Fede che tu suggellasti
Col tuo sangue, volando al Signor.
Mentre palme agitando, le schiere
Dei Beati cantavan in ciel:
"Gloria, a Giorgio immortal Cavalieri
Al vessilo di Cristo Fedel!"